MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 18/2008

Josephine Vella u John Mizzi

Vs

Korporazzjoni Enemalta

Il-Qorti,

Permezz ta’ sentenza parzjali li nghatat fil-11 ta’ Lulju 2008, il-qorti cahdet l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta li l-azzjoni ta’ l-atturi hi preskritta skond l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili.

F’dan il-procediment l-atturi qeghdin jitolbu:

1. Dikjarazzjoni li l-hlas ghal *on call duties* ghandu jkun l-istess kemm ghall-inginiera stazzjonati f’Malta kif ukoll dawk stazzjonati gewwa Ghawdex u dan kif jirrizulta mill-*collective agreements*.

2. Il-kundanna tal-Korporazzjoni konvenuta sabiex thallas id-differenza fi hlas ghal *on call duties* lil:-

- Josephine Vella l-ammont kollu dovut lilha mis-sena 1993 sal-2007;
- John Mizzi mis-sena 2002.

L-atturi huma nginiera u mpjegati mal-Korporazzjoni konvenuta. Permezz ta' dawn il-proceduri qeghdin jitolbu l-hlas tad-differenza bejn l-ammont li jircievu huma u dak li suppost jithallas lilhom permezz tal-*collective agreements* li saru matul is-snin bejn il-Korporazzjoni konvenuta u l-Professional Officers' Union.

Wara s-sentenza parzjali li nghatat fil-11 ta' Lulju 2008, fl-10 ta' Ottubru 2008 il-Korporazzjoni konvenutaipprezentat risposta guramentata ohra li permezz taghha qeghda ssostni ***"Il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 2148(d) tal-Kap. 16."*** (fol. 165).

L-Artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili jipprovdi li jaqghu bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar:-

*"L-azzjonijiet ta' dawk imhallsin bis-sena, ghall-hlas tas-salarju taghhom."*.

Fis-sentenza parzjali tal-11 ta' Lulju 2008 (fol. 154) diga' rrizulta li l-hlas ta' *on call duties* jikkwalifika bhala parti mis-salarju tal-konvenuti. Interpretazzjoni li nghatat ghal finijiet tal-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili u li m'hemm l-ebda raguni ghalfejn m'ghandix tinghata wkoll ghal finijiet tal-Artikolu 2148(d) li wara kollox jirreferi wkoll ghas-salarju. Inoltre, jirrizulta wkoll b'mod inewkwivokabli li s-salarju tal-atturi hu pattwit tant fis-sena (ara f'dan il-kuntest dokumenti a fol. 36-153). Ma tressqet l-ebda raguni ghalfejn ghandha tinghata interpretazzjoni differenti fil-kaz ta' l-Artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili. Ghalhekk l-interpretazzjoni li nghatat qeghda tigi applikata mutatis mutandis fir-rigward ta' din l-eccezzjoni ulterjuri.

Il-kwistjoni tal-preskrizzjoni tista' tkun rilevanti ghal finijiet tat-tieni talba, cjoe' li permezz taghha l-atturi qeghdin jitolbu l-kundanna tal-hlas tal-Korporazzjoni konvenuta.

Fir-rigward ta' l-ewwel talba, l-atturi ghadhom sal-gurnata tal-lum impjegati tal-Korporazzjoni konvenuta u ghadhom jaghmlu *on call duties*. Ghalhekk irrispettivament dwar jekk it-talba ghall-hlas hijiex preskritta, bhala impjegati li ghadhom jaghmlu dan ix-xoghol l-atturi ghandhom kull interess li jitolbu dikjarazzjoni li huma ntitolati ghall-hlas skond ma jipprovdi l-*collective agreement* u mhux b'rata fissa ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) fis-sena li ilha tithallas sa mill-1993. Mir-rendikont li pprezentaw l-atturi jidher li hemm diskrepanza qawwija bejn ir-rata skond il-ftehim kollettiv li gie ffirmat minn zmien ghal zmien u l-ammont li jithallas lill-atturi.

Pero' ghal finijiet tat-tieni talba l-istorja hi differenti. Dan in kwantu permezz ta' din it-talba qieghed jintalab kundanna ta' hlas. Il-kawza giet prezentata fis-6 ta' Marzu 2008 filwaqt li mill-atti jirrizulta li fil-11 ta' April 2007 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali kontra l-Korporazzjoni konvenuta (fol. 125) li permezz taghha nterpellawha thallas l-arretrati tal-*on call allowance*, u li b'sehh immedjat jibdew jircievu hlas bl-istess rata li jithallsu biha l-inginiera li jaghmlu dan ix-xoghol f'Malta. L-ittra ufficjali giet notifikata fis-16 ta' April 2007. Ghalhekk m'hemmx dubju li f'dak iz-zmien sehhet l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ghall-perjodu li jirrelata mill-11 ta' Ottubru 2005. Mid-data li giet prezentata l-ittra ufficjali (**11 ta' April 2007**) beda jerga' jiddekorri t-terminu sakemm **fis-6 ta' Marzu 2008** giet prezentata l-kawza u f'dak l-istadju l-preskrizzjoni giet sospiza. Ghalhekk it-talba tal-atturi ghall-hlas tad-differenza, bla pregudizzju ghal kwistjoni jekk l-atturi humiex intitolati ghall-hlas fil-mertu, li tirreferi ghall-perjodu qabel il-11 ta' Ottubru 2005 hi preskritta. Fit-trattazzjoni l-argument tal-abbli difensur ta' l-atturi kien li kull darba li l-atturi kienu qeghdin jircievu l-hlas kienet qeghda tigi nterrotta l-preskrizzoni. Il-qorti ma taqbilx. Il-hlas li l-atturi jircievu hu kull darba ghall-perjodu partikolari. Ir-rendikonti li pprezentaw l-atturi (fol. 30 – 32 fil-kaz ta' John Mizzi u fol. 49 – 51 fil-kaz ta' Josephine Vella) huma l-aqwa prova ta' dan. Tant hu hekk li fil-kolonna **"paid"** ghandna konferma min-naha ta' l-atturi li rcevew il-hlas ta' *on call allowance*, fil-kaz ta':

- **John Mizzi** – 17/6/2002 – 10/4/2005;
- **Josephine Vella** – 1/1/1996 – 3/4/2005;

M'hemmx dubju li l-pagamenti li saru wara dawn il-perjodi ma kienux qeghdin jirreferu ghall-perjodi msemmija imma ghall-perjodi ta' wara.

Inoltre l-fatt li setghet saret riferenza quddiem it-Tribunal Industrijali dwar din il-kwistjoni mill-Professional Officers' Union, bl-ebda mod ma kien hemm xi impedimet ghall-preskrizzjoni[1]. L-artikolu 2137 tal-Kodici Civili jiddisponi: *"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*. L-atturi kellhom kull opportunita' li jaghmlu l-kawza qabel. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi rinunzja min-naha tal-Korporazzjoni konvenuta, in kwantu l-provi li tressqu juri li l-pretensjoni tal-atturi qatt ma giet accettata min-naha tal-Korporazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi** l-qorti qeghda ghal finjiet tat-tieni talba tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili, pero' limitatament fir-rigward ta' dawn il-perjodi:-

i. **John Mizzi** – 17/6/2002 – 10/4/2005;
ii. **Josephine Vella** – 1/1/1996 – 10/4/2005;

Fl-istess waqt tichad l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta in kwantu din tirreferi ghall-perjodu mill-11 ta' April 2005 'il quddiem.

Tibqa' impregudikata l-kwistjoni dwar jekk l-atturi humiex intitolati, fil-mertu, li jitolbu hlas ta' *on call allowance* skond il-ftehim kollettiv li gew iffirmati fil-perjodi sussegwenti.

---

[1] Dwar il-principju *contra non valentem agere non currit praescriptio* ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fil-kawza **Emilio Agius vs Joseph Spiteri**, deciza fid-29 ta' Frar 2008.

Spejjez ta' din l-eccezzjoni jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Il-kawza qeghda tigi differita ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2008 fl-10.15am ghall-provi ta' l-atturi fuq il-mertu u provi Korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------